PARLAMENT TA' MALTA

Mistoqsijiet Parlamentari

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 46

L-Erbgħa, 25 ta' Novembru, 2026 fl-4:00 p.m.

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

KUNSILLI LOKALI – FONDI MILL-AĠENZIJA LESA

3606. L-ONOR. NIGEL VELLA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti elenku tal-proġetti li l-kunsilli lokali wettqu fil-lokalitajiet rispettivi, grazzi għall-fondi mill-Aġenzija LESA, mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u jagħti din l-informazzjoni lokalità b'lokalità, it-tip ta' proġett, l-ammont ta' Ewro investiti proġett, proġett u sena b'sena?

16/10/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija f'mistoqsija parlamentari 20182 tal-leġislatura preċedenti.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – REKLUTAĠĠ TA' INĠINIERA ĠODDA

382. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il inġinier ġdid ġie reklutat minn KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – INĠINIERA – PAKKETT FINANZJARJU

383. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-medja tal-pakkett finanzjarju annwali tal-inġiniera li ġew trasferiti u x'inhi l-medja tal-pakkett finanzjarju annwali tal-inġiniera ġodda li ddaħħlu flokhom ma' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – INĠINIERA ĠODDA – KUNDIZZJONIJIET FINANZJARJI

384. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-reklutaġġ ta' inġiniera ġodda sarx b'kundizzjonijiet finanzjarji aħjar minn dawk offruti lill-inġiniera li kienu diġà impjegati ma' KM Malta Airlines u, jekk iva, kemm kienet l-ispiża addizzjonali annwali li rriżultat minn din id-deċiżjoni?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TRASFERIMENT TA' INĠINIERA – ĠUSTIFIKAZZJONI MANIĠERJALI U FINANZJARJA

385. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'kienet il-ġustifikazzjoni maniġerjali u finanzjarja biex inġiniera b'esperjenza jiġu trasferiti għal rwoli oħra filwaqt li KM Malta Airlines kellha tirrekluta inġiniera ġodda minn barra?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TELF TA' INĠINIERA B'ESPERJENZA

386. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx studju jew evalwazzjoni dwar l-impatt li t-telf ta' inġiniera b'esperjenza jista' jkollu fuq il-kompetenza teknika, il-manutenzjoni u l-operat sigur ta' KM Malta Airlines?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KM MALTA AIRLINES – TLUQ JEW TRASFERIMENT TA' INĠINIERA B'ESPERJENZA

387. L-ONOR. ADRIAN DELIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk wara t-tluq jew it-trasferiment ta' inġiniera b'esperjenza, KM Malta Airlines kellhiex tirrikorri għal konsulenti jew servizzi esterni sabiex timla l-lakuni tekniċi li nħolqu, u jekk iva, kemm kienet l-ispiża?

25/06/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija fil-mistoqsija parlamentari 4057.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MANTENIMENT – ĠENITURI F'SITWAZZJONIJIET VULNERABBLI

2431. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid xi tkun is-sitwazzjoni ta' ġenitur, meta ma jkunx jista' jipprovdi l-manteniment minħabba sitwazzjoni vulnerabbli, bħal meta jkun il-ħabs jew sptar jew fejn id-dħul ma jippermettix?

10/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

INCREASED SEVERE DISABILITY ASSISTANCE

2457. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid għal kull sena sal-aktar data riċenti disponibbli, kemm kien hemm persuni taħt il-25 sena li kienu qed jirċievu l-Increased Severe Disability Assistance u jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess u l-faxxa tal-età?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinstab fit-tabella t'hawn taħt:

Assistenza Miżjuda għal Diżabilita' Severa - Benefiċjarji taħt l-età ta' 25 sena			
Sena	**Irġiel**	**Nisa**	**Total**
2017	45	23	68
2018	70	34	104
2019	85	49	134
2020	108	50	158
2021	110	53	163
2022	116	50	166
2023	112	47	159
2024	121	42	163
2025	121	50	171
2026*	144	56	200

*L-informazzjoni sa Settembru 2026 - l-eliġibilità tibda mill-età ta' 16-il sena 'l quddiem

Seduta Numru 46
25/11/2026

APPLIKAZZJONIJIET U RIFJUTI GĦALL-CARER'S GRANT

2458. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid għal kull sena minn meta ġiet introdotta l-Carer's Grant sal-aktar data riċenti disponibbli, kemm saru applikazzjonijiet għal din l-għotja u kemm minn dawn l-applikazzjonijiet ġew approvati, kemm ġew rifjutati, kemm ġew irtirati u kemm baqgħu pendenti? Fir-rigward tal-applikazzjonijiet rifjutati, jista' jaqsam l-informazzjoni skont ir-raġuni għar-rifjut u jgħid kemm minnhom ma ġewx approvati minħabba li l-applikant kien f'impjieg?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn meta ġiet introdotta l-Carer's Grant matul is-sena 2021, id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali dejjem ħallas lill-benefiċjarji eliġibbli u għalhekk mingħajr il-ħtieġa illi benefiċjarju potenzjali jissottometti applikazzjoni.

Dan ifisser illi d-Dipartiment juża l-informazzjoni li għandu sabiex jistabbilixxi l-benefiċjarji potenzjali u eventwalment il-benefiċjarji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-grant u b'hekk id-Dipartiment jasal għand in-nies hu u mhux jistenna lin-nies jaslu għandu.

It-tabella li ssegwi tagħti l-informazzjoni mitluba mill-Onor. Interpellant:

Carer's Grant - Każijiet Ipproċessati	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**
Rifjutati	419	473	477	483	533	595
Aċċettati	432	455	478	455	641	668
Total	**851**	**928**	**955**	**938**	**1174**	**1,263**

Fir-rigward ta' każi li jidhru rifjutati, dawn il-biċċa l-kbira minnhom propjament huma dawk li minn fost il-benefiċjarji potenzjali ma jkunux qed jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-grant meta jsir il-proċess awtomatizzat ta' kull 3 xhur.

Nirreferi wkoll lill-Onor, Interpellant għat-tweġiba li qed nagħti għall-mistoqsija parlamentari 2460 fir-rigward ta' eżempji ta' rifjut.

Seduta Numru 46
25/11/2026

CARER'S GRANT – PERSUNI LI MA KKWALIFIKAWX MINĦABBA IMPJIEG

2459. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid, għal kull sena minn meta ġiet introdotta l-Carer's Grant sal-aktar data riċenti disponibbli, kemm kien hemm persuni li ma kkwalifikawx għal din l-għotja minħabba li kienu f'impjieg? Jista' jaqsam din l-informazzjoni ta' dawn il-persuni skont is-sess u fejn din l-informazzjoni tkun disponibbli, skont jekk l-impjieg kienx full-time jew part-time?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba għal din il-mistoqsija tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

Carer's Grant – Persuni li ma kkwalifikawx minħabba impjieg (Ġenituri)						
Ġeneru	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026**
Irġiel	1	2	2	2	12	13
Nisa	66	74	75	81	98	139
Total	**67**	**76**	**77**	**83**	**110**	**152**

Seduta Numru 46
25/11/2026

CARER'S GRANT – BENEFIĊJARJI LI WAQFU JIRĊIEVU L-GĦOTJA U DAĦLU FID-DINJA TAX-XOGĦOL

2460. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid għal kull sena minn meta ġiet introdotta l-Carer's Grant sal-aktar data riċenti disponibbli, kemm-il benefiċjarju waqaf jirċievi din l-għotja u jagħti tqassim tar-raġunijiet għaliex intemm id-dritt għall-għotja? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-benefiċjarji waqfu jirċievu l-għotja minħabba li daħlu jew irritornaw fid-dinja tax-xogħol u fejn l-informazzjoni tkun disponibbli, kemm minnhom daħlu f'impjieg full-time u kemm f'impjieg part-time?

14/08/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella ta' hawn taħt.

Ir-raġunijiet sabiex jitwaqqaf il-pagament tal-Carers' Grant huma diversi. Is-segwenti raġunijiet jirreferu:

· Il-benefiċjarju jiġi nieqes
· Il-ħlas tal-benefiċċju jitwaqqaf minn fuq ġenitur u jibda jitħallas il-ġenitur l-ieħor
· Il-wild b'diżabilità jibda jgħix f'istituzzjoni
· Il-wild ma jibqax jgħix mal-ġenitur/i
· Wara review mill-Bord Inter-Professjonali jiġi deċiż illi l-persuna b'diżabilità ma għadhiex tissodisfa l-persentaġġ tal-ICF Questionnaire ta' 75% jew aktar
· Il-ġenitur kuranti ikun beda jaħdem, u t-tieni ġenitur jkun qiegħed jaħdem ukoll.

Inżid ninforma lin-numru ta’ każi li ġew imwaqqfa fil-perjodu msemmi minħabba li l-ġenitur beda jaħdem huwa ta’ 31.

Talbiet ta' Carer’s Grant imwaqqfa	**2021**	**2022**	**2023**	**2024**	**2025**	**2026***
Total	24	27	44	25	53	28
**Informazzjoni sa Settembru 2026.*						

Seduta Numru 46
25/11/2026

REĠISTRU NAZZJONALI TAD-DONAZZJONI TAL-ORGANI

2483. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta twaqqaf ir-Reġistru Nazzjonali tad-Donazzjoni tal-Organi u kemm kien hemm persuni rreġistrati fih fi tmiem kull sena minn meta twaqqaf sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista’ wkoll jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess u l-faxxa tal-età?

17/08/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li sal-aħħar ta’ Ottubru 2026 kien hemm 30,900 persuna rreġistrata bħala donatur tal-organi. Nhar is-16 ta’ Diċembru 2016 daħal fis-seħħ l-Att dwar id-Donazzjoni ta’ Organi, Tessuti u Ċelloli Umani (Kap 558). Bis-saħħa ta’ dan l-Att daħal fis-seħħ ir-Reġistru Nazzjonali tad-Donazzjoni tal-Organi u Tessuti Umani, li jinżamm b’mod elettroniku mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika.

Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella bl-informazzjoni dettaljata ta’ kemm kien hemm persuni rreġistrati fir-Reġistru fi tmiem kull sena maqsuma skont is-sess u l-faxxa tal-età.

Seduta Numru 46
25/11/2026

REĠISTRU NAZZJONALI TAD-DONAZZJONI TAL-ORGANI – REĠISTRAZZJONIJIET ĠODDA

2484. L-ONOR. ROMILDA ZARB staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm irreġistraw persuni ġodda bħala donaturi tal-organi f’kull sena, minn meta twaqqaf ir-Reġistru Nazzjonali tad-Donazzjoni tal-Organi sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, u jaqsam din l-informazzjoni skont is-sess u l-faxxa tal-età?

17/08/2026

ONOR. IAN BORG: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2483.

Seduta Numru 46
25/11/2026

PERSUNI TA’ NAZZJONALITÀ BARRANIJA JGĦIXU F’MALTA

2503. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn persuni tan-nazzjonijiet segwenti jgħixu f’Malta:
i. Ċina;
ii. Indja;
iii. Filippini;
iv. Nepal;
v. Sirja;
vi. Kolombja;
vii. Pakistan;
viii. Serbja; u
ix. Ukrajna?

17/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Dan il-Ministeru mhux responsabbli għaż-żamma tal-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 46
25/11/2026

INIZJATTIVA DJAR AFFORDABBLI

2506. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet l-Inizjattiva Djar Affordabbli? Jista' jgħid ukoll kemm-il unità ta' akkomodazzjoni affordabbli diġà tlestiet, kemm jinsabu fil-proċess ta' kostruzzjoni jew żvilupp, f'liema lokalitajiet jinsabu, u meta hu mistenni li dawn ikunu disponibbli għall-familji u persuni li qed ifittxu akkomodazzjoni affordabbli?

19/08/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Niġbed l-attenzjoni li diġà kelli l-opportunità li nwieġeb lill-Onor. Interpellant dwar is-suġġett tal-bini ta' djar mill-Ministeru li mbagħad jinbiegħu bi prezzijiet affordabbli skont kif prospettat fl-aħħar manifest elettorali "Int Malta" f'domanda supplimentari li kien għamilli hu stess f'seduta riċenti. Nirreferi għal dik ir-risposta.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IDENTITÀ – RIGALI LILL-ĠENITURI ĠODDA

2510. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk Identità tagħtix rigali lill-ġenituri ġodda? Jista' jgħid ukoll jekk jingħatawx għal kull wild, jekk din hijiex prassi u minn meta bdiet issir?

21/08/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Dan il-Ministeru mhux responsabbli għaż-żamma tal-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TFAL STATELESS

2547. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal stateless f'Malta u f'liema proċess waslu sabiex jieħdu ċ-ċittadinanza?

01/09/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Dan il-Ministeru mhux responsabbli għaż-żamma tal-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TFAL STATELESS

2548. L-ONOR. IVAN BARTOLO staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hawn tfal stateless f'Malta u f'liema proċess waslu sabiex jieħdu ċ-ċittadinanza?

01/09/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ŻONI RURALI – RISKJU TA' FAQAR

3012. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex jindirizza r-riskju ta' faqar fiż-żoni rurali, fid-dawl li skont l-aħħar data komparabbli ppubblikata mill-Eurostat, Malta kellha t-tieni l-ogħla rata ta' persuni f'riskju ta' faqar li jgħixu f'żoni rurali fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'33.8% fl-2023, wara r-Rumanija b'35.5%?

30/09/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ewwel nett, tajjeb li jiġi ċċarat il-kuntest statistiku ta' din iċ-ċifra tal-Eurostat, li hija bbażata fuq il-klassifikazzjoni Ewropea tal-grad ta' urbanizzazzjoni (*DEGURBA*). Minħabba d-daqs żgħir ta' pajjiżna u d-densità għolja tal-popolazzjoni, kważi l-lokalitajiet kollha f'Malta u Għawdex huma kklassifikati bħala żoni urbani jew intermedji, filwaqt li huma biss ftit lokalitajiet żgħar ħafna — bħall-Għarb u l-Għasri — li jaqgħu taħt il-kategorija ta' "żoni rurali" (*thinly populated areas*).

Konsegwentement, id-daqs tal-kampjun tal-istħarriġ f'din il-kategorija huwa żgħir ħafna, tant li l-Eurostat stess jinnota li l-istimi għal din il-kategorija f'Malta għandhom jitqiesu b'kawtela u ma jistgħux jitqabblu direttament ma' pajjiżi kontinentali kbar bħar-Rumanija. Fil-fatt, fuq livell nazzjonali, ir-rata ta' riskju ta' faqar jew esklużjoni soċjali (AROPE) f'Malta tinsab taħt il-medja tal-Unjoni Ewropea u hija 5 punti perċentwali anqas milli kienet fl-2013.

Madankollu, il-Gvern jieħu bis-serjetà kull indikatur li juri vulnerabbiltà f'lokalitajiet iżgħar jew reġjuni bħal Għawdex, u qed jimplimenta sensiela ta' miżuri mmirati biex isaħħaħ id-dħul u l-kwalità tal-ħajja ta' dawn ir-residenti:

Seduta Numru 46
25/11/2026

ABITAZZJONIJIET MEQJUSA BĦALA UNDER-OCCUPIED

3013. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Fid-dawl li skont l-aħħar data ppubblikata mill-Eurostat, fl-2024 Malta kellha t-tielet l-ogħla proporzjon fl-Unjoni Ewropea ta' persuni li jgħixu f'abitazzjonijiet meqjusa bħala under-occupied, b'64%, wara Ċipru b'70% u l-Irlanda b'67%, meta mqabbel mal-medja ta' 33% fl-Unjoni Ewropea, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex jiġi indirizzat l-użu tal-istokk ta' abitazzjonijiet f'Malta?

30/09/2026

ONOR. OWEN BONNICI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li apparti studji u analiżi li jsiru minn żmien għal żmien, l-Awtorità tad-Djar topera wkoll għadd ta' skemi li għandhom l-għan li jinkoraġġixxu użu aktar effiċjenti mill-istokk eżistenti tad-djar, fosthom l-iskema Nikru Biex Nassistu u l-iskema ta' Riabilitazzjoni ta' Units Vakanti (RVU).
Fl-istess waqt, l-Awtorità qed taħdem mill-qrib ma' NGOs biex tippromwovi mudelli alternattivi ta' attenzjoni soċjali bis-saħħa tal-politika tal-akkomodazzjoni, inkluż ir-riġenerazzjoni u l-konverżjoni ta' binjiet li qabel kienu vakanti jew fi stat ta' abbandun.
Eżempju ta' dan huwa l-proġett interġenerazzjonali fil-Belt Valletta, inizjattiva ta' ko-living li tlaqqa' residenti anzjani u adulti żgħażagħ fl-istess komunità. F'dan il-proġett, ingħatat prijorità lir-residenti tal-Belt Valletta, inklużi dawk li jinsabu fuq il-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali jew li qed jipparteċipaw fil-programm ta' skambju, bl-għan li dawn ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu b'mod indipendenti fil-komunitajiet tagħhom.
Popolazzjoni li qed tixjieħ tirrappreżenta sfida importanti oħra għas-sistema tal-akkomodazzjoni f'Malta u fl-istess ħin tenfasizza l-ħtieġa li jsir użu aħjar mill-istokk eżistenti tad-djar. Il-Gvern inkluda fil-manifest tiegħu proposti biex jgħin lill-persuni anzjani jnaqqsu d-daqs tal-proprjetà tagħhom, inkluż permezz ta' eżenzjoni mit-taxxa tal-boll meta jixtru proprjetà iżgħar.

Seduta Numru 46
25/11/2026

NEFQA FUQ IS-SAĦĦA

3014. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex iżid l-investiment u n-nefqa fuq il-prevenzjoni tal-mard u l-kura preventiva, fid-dawl li skont l-aħħar data komparabbli ppubblikata mill-Eurostat dwar in-nefqa fuq is-saħħa, Malta kellha l-inqas sehem ta' nefqa fuq il-kura preventiva fost l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, b'1.2% tan-nefqa totali fuq is-saħħa fl-2022?

30/09/2026

ONOR. IAN BORG: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-prevenzjoni tal-mard u kura preventiva tvarja ħafna minn pajjiż għal ieħor. Għaldaqstant l-ispiża preventiva ma tinqabadx kollha fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, u t-tqabbil bejniethom irid isir b'kawtela.

Seduta Numru 46
25/11/2026

EDUKAZZJONI VOKAZZJONALI – TAGĦLIM TA' LINGWI BARRANIN

3015. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Fid-dawl li skont l-aħħar data komparabbli ppubblikata mill-Eurostat, fl-2023 Malta kellha l-inqas proporzjon fl-Unjoni Ewropea ta' studenti fil-livell sekondarju għoli tal-edukazzjoni vokazzjonali li kienu qed jistudjaw żewġ lingwi barranin jew aktar, b'0%, jista' l-Ministru jgħid x'miżuri qed jieħu l-Gvern biex iżid it-tagħlim ta' lingwi barranin fl-edukazzjoni vokazzjonali f'Malta?

30/09/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li fis-sena skolastika 2025/2026, 7,327 student mid-disa' sal-ħdax-il sena tas-Sekondarja kienu qed jistudjaw mill-inqas lingwa barranija waħda, minbarra l-Malti u l-Ingliż. Numru sostanzjali minnhom jagħmlu wkoll l-eżami tal-MATSEC fil-lingwa magħżula, fil-Livelli 2 u 3.
Il-Ministeru jippromwovi t-tagħlim tal-lingwi barranin u l-iżvilupp tal-kompetenzi plurilingwi permezz ta' programmi u inizjattivi li jibdew fil-Primarja u jkomplu fis-Sekondarja. Tingħata wkoll gwida dwar l-għażla tas-suġġetti u l-opportunitajiet edukattivi u professjonali marbuta mal-lingwi.
Din il-ħidma tissaħħaħ permezz ta' kollaborazzjoni ma' diversi msieħba, inkluż il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u entitajiet Ewropej, kif ukoll permezz tal-fiera 'I Choose'. Is-sessjonijiet offruti jgħinu lill-istudenti jagħmlu għażliet infurmati dwar l-istudji postsekondarji u l-karrieri tagħhom.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MFSA – ĦADDIEMA LI TELQU

4204. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħaddiema telqu mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) mis-sena 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

SENA	NUMRU TA' ĦADDIEMA LI TELQU MILL-MFSA
2024	24
2025	35
2026	36 (sa l-aħħar ta Ottubru 2026)

Seduta Numru 46
25/11/2026

MFSA – RAPPORTI LILL-WHISTLEBLOWER

4205. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm rapporti lill-whistleblower tal-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) mis-sena 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

Rapporti riċevuti mill-2020 'il quddiem maqsumin sena b'sena taħt l-Att dwar il-Protezzjoni ta' Informatur (Kap. 527):

SENA	NUMRU TA' RAPPORTI
2020	2
2021	12
2022	1
2023	4
2024	22
2025	38
2026 (sat-28 ta' Ottubru)	29

Madankollu, ta' min jinnota li mhux ir-rapporti kollha se jwasslu biex l-MFSA tagħti protezzjoni lil min jirrapporta (whistleblower). Iċ-ċifri msemmija jirreferu għat-total tar-rapporti sottomessi u jikkonċernaw biss żvelar estern li wasal għand l-Whistleblowing Reporting Unit fl-MFSA.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MFSA – SETTLEMENTS

4206. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru settlements mill-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) ma' individwi mis-sena 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll min kienu tali individwi, min mill-MFSA iddeċieda li jagħmel tali settlements u x'kienu dawn is-settlements?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba hi skont it-tabella hawn taħt:

Sena	Settlements konklużi ma' Individwi
2023	0
2024	1
2025	7
2026 (sa' Ottubru 2026)	2

F'kull wieħed mill-każijiet riferuti f'din il lista ta' min wieħed jinnota, li kienu l-individwi nfushom li avviċinaw lill-MFSA sabiex jibdew diskussjonijiet biex jaslu għal xi forma ta' settlement. L-azzjoni meħuda f'kull każ kienet dik tal-impożizzjoni ta' penali amministrattiva.

Informazzjoni rigward kull azzjoni ta' infurzar meħuda mill-MFSA hija disponibbli pubblikament fuq is-sit tal-MFSA skont l-Artikolu 16(8) tal-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta u wkoll skont il-Publication Policy tal-MFSA.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MFSA – SENTENZA TAL-QORTI TAL-APPELL – PASSI MEĦUDA/ĦLAS IMPONUT

4207. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ħadet l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament? Jista' jgħid ukoll min ħallas l-ammont imponut minn din is-sentenza tal-Qorti u x'passi ittieħdu fil-konfront tal-individwu li d-dettalji dwaru qed jingħataw separatament?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta aderixxiet mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Nru. 81/2024 billi ħallset l-ammont dovut, u l-każ ġie meqjus magħluq.

Seduta Numru 46
25/11/2026

FIAU – MULTI

4208. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jagħti breakdown ta' kull multa li ta l-Korp għall-Analiżi ta' Informazzjoni Finanzjarja (FIAU) mill-2019 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll kemm kienet kull multa li ħareġ l-FIAU, meta ħarġet, jekk ġietx appellata fil-Qrati, jekk għadhiex sub judice, meta l-każ ġie deċiż mill-Qrati, kemm iddeċidiet li għandha tkun l-multa l-Qorti, liema multi tħallsu u liema ma tħallsux?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 46
25/11/2026

VAT – SPEZZJONIJIET

4209. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru spezzjonijiet relatati mal-VAT matul is-snin 2025 u 2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma xahar b'xahar u lokalità b'lokalità?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - INVESTIMENT PUBBLIKU

4348. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew investiti fondi pubbliċi fl-Imsida f'oqsma inkluż infrastruttura, manutenzjoni, tindif, skart, toroq, spazji pubbliċi u servizzi oħra, matul l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - VALUTAZZJONI TAL-PROPORZJONALITÀ TAL-INVESTIMENT PUBBLIKU MAL-ATTIVITÀ EKONOMIKA

4349. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid jekk, fid-dawl tal-kontribut ekonomiku u fiskali sinifikanti tal-Imsida, saritx valutazzjoni dwar jekk l-investiment pubbliku f'din il-lokalità huwiex proporzjonat mal-attività ekonomika li joperaw fiha?

26/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-premessa li fuqha hija msejsa din l-interpellanza ma tieħux in konsiderazzjoni l-fatt li l-investiment pubbliku f'lokalità m'għandux jitqies biss fuq il-kontribut ekonomiku jew fiskali, iżda fuq numru ta' konsiderazzjonijiet oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - RIKOSTRUZZJONI U RIABILITAZZJONI TAT-TOROQ

4350. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew rikostruwiti jew riabilitati toroq fl-Imsida matul l-aħħar ħames snin, u jipprovdi lista tat-toroq, id-data tax-xogħol u l-ispiża rispettiva ta' kull intervent?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li, matul l-aħħar ħames snin, saru xogħlijiet ta' rikostruzzjoni, riabilitazzjoni u interventi oħra relatati mal-infrastruttura tat-toroq fl-Imsida. Dawn kienu jinkludu xogħlijiet f'parti minn Triq J. Borg u fi sqaq f'Misraħ il-Barrieri; tiswijiet estensivi tal-wiċċ fi Triq Reġjonali; xogħlijiet urġenti ta' tiswija fi Triq il-Wied; xogħlijiet fi Triq Xmiexi, Triq Zamenhoff, Triq l-Irmiġġ, Triq l-Għarbiel/Sqaq Dun Andre, parti minn Triq il-Karozzin, Triq tal-Qroqq, Triq Nazju Falzon, parti minn Triq il-Makna tas-Serrar, Triq Bieb it-Torri, Triq Bordin, Triq Antonio Bosio, parti minn Triq G. Zammit, parti minn Triq l-Imsida, Triq is-Sarġ kantuniera ma' Triq Dun Joe Calleja, Triq Box Box, Triq Santa Venera, Triq il-Kużnar, Triq Clarence, Triq Garcin u Triq Għajn tal-Ħasselin.
Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant li, apparti l-interventi msemmija, bħalissa jinsabu għaddejjin xogħlijiet infrastrutturali relatati mal-Imsida Creek Project, kif ukoll xogħlijiet fi Triq Oscar Zammit bħala parti mill-proġett Vjal Kulħadd.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - RIKOSTRUZZJONI JEW INTERVENTI STRUTTURALI TA' TOROQ

4351. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il triq fl-Imsida għadha teħtieġ rikostruzzjoni jew intervent strutturali, u kemm minn dawn jinsabu fil-programm ta' xogħlijiet għall-2026 u s-snin ta' wara?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4350.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - NEFQA FUQ IL-MANUTENZJONI U R-RIKOSTRUZZJONI TAT-TOROQ

4352. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm intefqu fondi fuq xogħlijiet ta' manutenzjoni u rikostruzzjoni ta' toroq fl-Imsida matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 4350.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMSIDA - PJAN GĦAT-TITJIB TAT-TOROQ U L-BANKINI

4353. L-ONOR. MARILENA GAUCI staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan speċifiku għall-Imsida biex jiġu indirizzati t-toroq u l-bankini fi stat ħażin, u jekk iva, meta huwa mistenni li jitlesta?

26/10/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TRASPORT PUBBLIKU – PEAK HOURS

4389. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2311 u jindika:
i. il-ħinijiet fejn l-użu ikun l-iżjed (patronage - peak hour), kemm filgħodu u kemm filgħaxija; u
ii. it-three-hour patronage peak period, kemm filgħodu u kemm filgħaxija
għal vjaġġi tat-trasport pubbliku skedati mill-Mellieħa, San Pawl il-Baħar, l-Imġarr, il-Mosta, in-Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u l-Imtarfa, fuq bażi ta' ġimgħa tipika, għal kull xahar, bejn is-snin 2020 u 2025?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bħala medja, il-ħinijiet fejn l-użu ikun l-iżjed (patronage - peak hour), kemm filgħodu u kemm filgħaxija huwa kif jidher f'din it-tabella:

	Ħinijiet	
Lokalità	**Peak filgħodu**	**Peak filgħaxija**
Mosta	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 16:00 u 16:59
Mġarr	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 16:00 u 16:59
Naxxar	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 15:00 u 15:59
San Ġwann	Bejn 08:00 u 08:59	Bejn 17:00 u 17:59
Balzan	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 16:00 u 16:59
Attard	Bejn 07:00 u 07:59	Bejn 16:00 u 16:59
Mtarfa	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 15:00 u 15:59
Mellieħa	Bejn 10:00 u 10:59	Bejn 17:00 u 17:59
San Pawl il-Baħar	Bejn 06:00 u 06:59	Bejn 17:00 u 17:59

Bħala medja, il-peak three-hour period bejn is-snin 2020 u 2025 huwa kif jidher f'din it-tabella:

	Three-hour Peak Period	
Lokalità	**Filgħodu**	**Filgħaxija**
Mosta	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
Mġarr	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
Naxxar	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
San Ġwann	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
Balzan	05:00 -07:59	15:00 -17:59
Attard	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
Mtarfa	06:00 - 08:59	15:00 -17:59
Mellieħa	09:00-11:59	16:00-18:59
San Pawl il-Baħar	06:00 - 08:59	15:00 -17:59

Seduta Numru 46
25/11/2026

NATURAL POPULATION GROWTH

4390. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2312 u jgħid x'kien in-Natural Population Growth, jiġifieri d-differenza bejn dawk li twieldu u dawk li mietu, kemm fuq livell nazzjonali kif ukoll skont kull waħda mil-lokalitajiet li ġejjin: Mellieħa, San Pawl il-Baħar, Mġarr, Mosta, Naxxar, San Ġwann, Ħal Balzan, Ħ'Attard u Mtarfa, bejn l-2020 u l-2025, maqsuma sena b'sena? Jista' wkoll jaqsam din l-informazzjoni separatament bejn residenti Maltin u residenti mhux Maltin?

27/10/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba għadha qed tingħabar.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TRAFFIKU – IMPATT EKONOMIKU

4391. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1873 u 2314 u jgħid x'azzjonijiet konkreti ttieħdu matul l-aħħar 12-il xahar biex it-traffiku ma jibqax jiswa lill-pajjiż madwar €67,000 kull minuta? Jista' jgħid ukoll x'kien ir-riżultat ta' dawn l-azzjonijiet?

27/10/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din ir-risposta ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TA' QALI – FARMERS MARKET

4664. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta l-proġett tal-Farmers Market ġewwa Ta' Qali se jitlesta sabiex ikun jista' jiġi użat mill-bdiewa, raħħala u sajjieda lokali? Jista' jgħid ukoll x'faċilitajiet għall-użu mill-bdiewa, raħħala u sajjieda, kif ukoll mill-konsumaturi, ser ikun qed jinkorpora dan il-proġett?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tal-Farmers' Market f'Ta' Qali jinsab fil-fażi ta' eżekuzzjoni. L-għan huwa li jinħoloq suq modern u aċċessibbli li jsaħħaħ il-bejgħ dirett tal-prodott lokali u jtejjeb l-esperjenza tal-produtturi u l-konsumaturi.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-MARSA – FOOD INNOVATION HUB

4665. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikun fully operational iċ-ċentru ta' riċerka u taħriġ Food Innovation Hub, fil-Marsa, u min ser ikun jista' jagħmel użu minnu? Jista' jgħid ukoll jekk l-użu ta' dan iċ-ċentru hux ser ikun bla ħlas għall-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Food Innovation Hub fil-Marsa qed jiġi implimentat permezz ta' proġett iffinanzjat mill-Unjoni. Il-faċilità ser tkun aċċessibbli għall-operaturi fis-settur agroalimentari, skont ir-rekwiżiti applikabbli. Il-mudell operattiv u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħha għadhom qed jiġu definiti b'mod ġust u trasparenti.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MALTA U GĦAWDEX – BIO-DISTRICTS U BIO-TRAILS

4666. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta hemm il-ħsieb li jiġu stabbiliti bio-districts u bio-trails f'Malta u Għawdex sabiex fihom ikunu jistgħu jsiru żjarat iggwidati, li jippromwovu l-biedja organika u jsaħħu l-ekonomija rurali?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern diġà beda l-ħidma f'din id-direzzjoni, anke b'rabta mat-twettiq tal-miżura elettorali relattiva. Qed jitfasslu linji gwida għall-istabbiliment ta' pilot bio-district, bil-għan li jiġu promossi l-biedja organika, it-turiżmu rurali u l-prodott lokali.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MALTA FOOD AGENCY – ESPORTAZZJONI TA' PRODOTTI TAL-IKEL

4667. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid xi prodotti tal-ikel ser tkun qed tesporta barra mill-pajjiż il-Malta Food Agency? Jista' jgħid ukoll meta ser jibda dan is-servizz u jekk il-Malta Food Agency hux ser ikun qed tagħtih lill-bdiewa, raħħala u sajjieda, bla ħlas?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Food Agency ma tesportax prodotti tal-ikel, iżda tappoġġja u tiffaċilita lill-produtturi lokali biex jesploraw opportunitajiet ta' esportazzjoni u swieq internazzjonali**.**

Seduta Numru 46
25/11/2026

PROVVISTA TAL-IKEL – PJAN NAZZJONALI TA' RISKJU U KONTINĠENZA

4668. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-pjan nazzjonali ta' riskju u kontinġenza għall-katina tal-provvista tal-ikel fir-rigward tat-tisħiħ ta' riservi strateġiċi u xi pjan għandu għal trasport alternattiv sabiex l-ikel ikun jista' jasal f'pajjiżna f'kull ċirkostanza? Jista' jgħid ukoll meta ser jibda jitwettaq dan il-pjan nazzjonali ta' riskju u kontinġenza?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li bi twettiq tal-impenn tal-Gvern fil-Manifest Elettorali, l-Awtorità għas-Sigurtà tal-Ikel (FSSA) bdiet il-ħidma fuq Pjan Nazzjonali ta' Riskju u Kontinġenza għall-Katina tal-Provvista tal-Ikel.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MUŻEW NAZZJONALI TAL-IKEL

4669. L-ONOR. TONI BEZZINA staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jinħoloq il-mużew nazzjonali tal-ikel li minnu jkunu jistgħu jingħataw wirjiet interattivi, dimostrazzjonijiet tat-tisjir u programmi edukattivi, kemm għall-Maltin kif ukoll għat-turisti?

30/10/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-proġett tal-Mużew Nazzjonali tal-Ikel huwa wieħed mill-wegħdiet fil-Manifest Elettorali. Dan il-proġett jinsab fl-istadju inizjali ta' studji relatati mas-sit identifikat. Għaldaqstant, f'dan l-istadju prematur għadu mhux possibbli li tiġi indikata data konkreta għall-ftuħ tal-mużew.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – BANDLI TA' ST PETER'S – XOGĦLIJIET

4749. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid jekk reġgħux inbdew ix-xogħlijiet fuq il-bandli ta' St Peter's f'Ħaż-Żabbar?

02/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninsab infurmata mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar li x-xogħlijiet fuq il-bandli ta' St Peter's f'Ħaż-Żabbar għadhom ma nbdewx. Huwa previst li matul ix-xahar ta' Diċembru tinħareġ sejħa mill-ġdid għall-offerti sabiex ikunu jistgħu jitwettqu x-xogħlijiet meħtieġa.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ĦAŻ-ŻABBAR – TRIQ IL-KAPUĊĊINI – SALIB IT-TOROQ

4750. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 3020 u jgħid kemm ġew irreġistrati inċidenti tat-traffiku din is-sena fi Triq il-Kapuċċini, Ħaż-Żabbar, b'mod partikolari fiż-żona ta' salib it-toroq li tgħaqqad Triq il-Kapuċċini mat-toroq tal-inħawi ta' Sant'Andrija? Jista' jgħid ukoll jekk sarux studji jew risk assessment dwar is-sigurtà ta' dan is-salib it-toroq, u x'miżuri konkreti ttieħdu jew qed jiġu kkunsidrati sabiex titjieb is-sigurtà f'dan il-punt, inkluż jekk hemmx pjanijiet għal tibdil fit-toroq, fis-sinjali tat-traffiku, markings, traffic calming, dawl jew miżuri oħra ta' prevenzjoni?

02/11/2026

ONOR. CHRIS BONETT: Mir-ritratt li l-Onor. Interpellant ippubblikat fuq il-mezzi soċjali b'reazzjoni għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3020, li fiha kont tlabtha tidentifika fuq mappa l-punt inkwistjoni sabiex inkun nista' nagħtiha l-informazzjoni korretta, qed nifhem li qed tirreferi għas-salib it-toroq bejn Triq il-Kapuċċini u Triq Alessio Erardi.
Ninsab infurmat ukoll li, minkejja li t-triq inkwistjoni ma taqax taħt ir-responsabbiltà ta' Transport Malta, l-Awtorità wettqet spezzjonijiet fuq il-post u se tkun qed tgħaddi r-rakkomandazzjonijiet tagħha lill-Kunsill Lokali bil-għan li jittejjeb l-immaniġġjar tat-traffiku f'dan is-salib it-toroq.
Fir-rigward ta' kemm ġew irrappurtati inċidenti tat-traffiku f'dan il-punt, nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

SANTA VENERA – ĠNIEN TA' ST. MICHAEL'S HOSPICE – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI

4751. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-ġnien ta' St. Michael's Hospice, f'Santa Venera, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom u kemm kienet in-nefqa?

02/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li permezz ta' kollaborazzjoni bejn Project Green u Hospice Malta, ġie żviluppat Ġnien San Mikiel, li jkopri medda ta' 2,700 metru kwadru. Dan il-proġett twettaq permezz ta' finanzjament ta' €1.2 miljun taħt l-iskema Community Greening Grant ta' Project Green.
Il-ġnien ġie ddisinjat speċifikament madwar il-ħtiġijiet tal-pazjenti tal-Hospice, bi prijorità mogħtija lill-aċċessibbiltà. Is-siġar, il-fjuri u l-arbuxxelli ntgħażlu għall-benefiċċji terapewtiċi tal-pazjenti, filwaqt li ġew installati elementi dekorattivi bl-ilma biex tinħoloq atmosfera ta' serenità u trankwillità.
Il-ġnien jinkludi wkoll spazji apposta għall-qraba li jżuru lill-pazjenti, kif ukoll żona ta' logħob għat-tfal. Bħala parti mill-proġett, inbena wkoll ġibjun għall-ħażna tal-ilma tax-xita, li jintuża għat-tisqija tas-siġar u l-arbuxxelli, biex tiġi żgurata ġestjoni aktar sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-KALKARA – ĠNIEN TA' VILLA PORTELLI – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI

4752. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fil-ġnien ta' Villa Portelli, fil-Kalkara, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom u kemm kienet in-nefqa?

02/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Project Green, b'kollaborazzjoni ma' Heritage Malta, wettqet proġett ta' riġenerazzjoni li jagħmel parti minn investiment ta' €3 miljun. Permezz ta' dan il-proġett ġew riġenerati l-ġonna ta' Villa Portelli, li fit-totalità tagħhom ikopru medda ta' aktar minn 5,000 metru kwadru.
Ix-xogħlijiet ta' restawr u riġenerazzjoni tal-ġonna twettqu minn Project Green bl-appoġġ u l-għarfien espert tal-kuraturi ta' Heritage Malta, sabiex tiġi preservata l-integrità storika tas-sit.
Bħala parti minn dan il-proġett, fil-pjan terran tal-villa ġie stabbilit ukoll ċentru ta' interpretazzjoni li joffri lill-viżitaturi esperjenza edukattiva dwar l-istorja tal-villa u l-proċess ta' restawr tagħha.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ĦAL FAR – ĠNIEN TAL-LABORATORJU TAL-PAĊI – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI

4753. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fil-ġnien tal-Laboratorju tal-Paċi, f'Ħal Far, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom u kemm kienet in-nefqa?

02/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2023, kienet identifikata żona fi ħdan il-Laboratorju tal-Paċi, f'Ħal Far, li dak iż-żmien kienet tinsab fi stat ta' abbandun u magħluqa għall-pubbliku, bil-għan li tinbidel fi ġnien.
Bħala parti mill-ewwel interventi, Project Green wettqet xogħlijiet ta' tindif u tneħħija ta' skart u materjal mis-sit, inkluż siġar mejta, sabiex iż-żona tħejjiet biex eventwalment sar il-ġnien għall-pubbliku. Sussegwentement, ix-xogħlijiet kienu jinkludu r-restawr tal-ħitan tas-sejjieħ, ir-riabilitazzjoni taċ-ċnut eżistenti, it-tikħil tal-bir, il-bini ta' passaġġi aċċessibbli, l-installazzjoni ta' sistema ta' irrigazzjoni, it-tħawwil ta' siġar u veġetazzjoni ġdida, kif ukoll it-tqegħid ta' għamara u faċilitajiet għall-użu tal-pubbliku. Il-proġett sar b'investiment ta' madwar €100,000.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-BIRGU – ĠNIEN FUQ IL-GLAŻIŻ – XOGĦOL TA' MANUTENZJONI

4754. L-ONOR. BERNICE BONELLO staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid x'xogħlijiet ta' manutenzjoni saru fis-sit tal-Ġnien fuq il-Glażiż, fil-Birgu, sa qabel ir-riġenerazzjoni tal-2024? Tista' tgħid ukoll min wettaqhom u kemm kienet in-nefqa?

02/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li Ġnien fuq il-Glażiż, inħoloq permezz ta' proġett li sar minn GreenServ, fergħa fi ħdan il-WasteServ li timplimenta proġetti ħodor f'żoni urbani. B'dan il-proġett parti sostanzjali mill-fortifikazzjoni fil-Birgu, żona ta' madwar 9,000 metru kwadru, ġiet trasformata fi spazju pubbliku biex jitgawda mill-familji
Filwaqt li x-xogħlijiet f'dan il-proġett irrispettaw l-ambjent eżistenti, f'dan il-ġnien inħolqu diversi żoni ta' rikreazzjoni fosthom post għall-picnics, logħob għat-tfal u anke park għall-klieb. It-tagħmir f'dan il-ġnien huwa magħmul minn materjal naturali u riċiklat. Hemm ukoll sistema ta' dwal ġodda li tagħmel użu mill-enerġija solari u tpoġġew kameras tas-sigurtà madwar il-ġnien.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ĠBIR TAL-ISKART

4907. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2631 u ċjoè: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid minn liema lokalitajiet u reġjuni ta' Malta huwa mistenni li jinġabar id-demel, slurry u skart agrikolu li ser jiġi trasportat lejn din il-faċilità? Jista' wkoll jagħti stima ta' kemm tunnellati fis-sena huma mistennija li jiġu ttrasportati minn kull lokalità jew reġjun?

03/11/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li qiegħed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tad-dokumentazzjoni pubblika relatata ma' RAM/001/2026 – Pre-Qualification Questionnaire (PQQ) for the Award of a Concession for the Design, Build, Finance, Operate and Transfer Back of a National Farm Waste Treatment Facility, li tinkludi l-informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju dwar il-faċilità proposta, inkluż dwar il-volumi stmati ta' skart agrikolu li għandu jiġi ttrattat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – MOVIMENTI TA' VETTURI TQAL

4908. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2632 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u ċjoè: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid kemm-il moviment ta' vettura tqila kuljum huwa stmat li ser jiġi ġġenerat minn din il-faċilità, kemm waqt il-faża ta' kostruzzjoni kif ukoll meta l-impjant ikun operattiv?

03/11/2026

ONOR. ANTON REFALO: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett għadu fi stadju preliminari u l-arranġamenti operattivi u loġistiċi għadhom ma ġewx finalizzati. Id-dokumentazzjoni pubblika relatata ma' RAM/001/2026, imqiegħda fuq il-Mejda tal-Kamra mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 4907, tinkludi l-informazzjoni disponibbli f'dan l-istadju dwar l-arranġamenti loġistiċi proposti. Mid-dokumentazzjoni disponibbli ma jirriżultax li ġie ffinalizzat studju speċifiku dwar l-impatt tat-traffiku.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IL-MELLIEĦA – AGRICULTURAL WASTE TREATMENT PLANT – ROTOT GĦALL-VETTURI

4909. L-ONOR. IVAN CASTILLO staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2633 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli u ċjoè: B'referenza għall-proposta tal-Agricultural Waste Treatment Plant fil-Qammieħ, il-Mellieħa, jista' l-Ministru jgħid liema rotot qed jiġu kkunsidrati għall-vetturi tqal li ser jittrasportaw id-demel, slurry u skart agrikolu lejn u mill-faċilità proposta? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex previst li dawn il-vetturi jgħaddu mix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, il-Mellieħa, l-Għadira, il-Manikata jew toroq residenzjali oħra?

03/11/2026

ONOR. ANTON REFALO: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 4908.

Seduta Numru 46
25/11/2026

XOGĦOL PREKARJU – MIŻURI

5248. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2202 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid x'miżuri qed jittieħdu mill-Gvern biex jindirizza l-problema tax-xogħol prekarju?

10/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 46
25/11/2026

DIER - ILMENTI MRESSQA MATUL L-2025

5249. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI staqsiet lill-Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2203 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol u jgħid dwar xiex kienu l-ilmenti mressqa quddiem id-Dipartiment għall-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (DIER) matul l-2025, u jaqsam din l-informazzjoni f'numri u persentaġġi?

10/11/2026

ONOR. KEITH AZZOPARDI TANTI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 46
25/11/2026

SAN PAWL IL-BAĦAR – MINA TAD-DRENAĠĠ – XOGĦLIJIET

5412. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta hu mistenni li jitlesta x-xogħol kollu marbut mal-mina tad-drenaġġ f'San Pawl il-Baħar u meta hu mistenni li l-mina tibda titħaddem? Peress li din il-mina trid titqabbad mas-sistema tal-pumping station tal-Pwales, tista' tgħid ukoll x'xogħol ieħor hu mistenni li jsir fl-inħawi tal-Pwales, biex il-mina tkun tista' taħdem bl-aħjar mod?

13/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li x-xogħlijiet ta' microtunnelling tal-ewwel Lot huma konklużi, filwaqt li dawk tat-tieni lot għadhom għaddejjin u mistennija li jitlestew fl-2027. Sabiex l-infrastruttura tkun tista' tintuża fit-totalità tagħha se jinbdew ukoll xogħlijiet fl-inħawi ta' Triq il-Mosta, Triq il-Kaħli, Triq Jean de la Cassiere, Triq Parades, Triq San Ġorġ u Triq il-Katidral. Ix-xogħlijiet fl-inħawi tal-Pwales huma lesti.

Seduta Numru 46
25/11/2026

SKOLA DUN MANWEL ATTARD RESOURCE CENTRE – STUDENTI B'ABBILTAJIET DIFFERENTI – POSTIJIET DISPONIBBLI

5430. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm postijiet disponibbli għal studenti b'abbiltajiet differenti ġodda fiċ-Ċentru tar-Riżorsi tal-Wardija għas-sena skolastika 2027-2028?

16/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TFAL STATEMENTED MINGĦAJR LSE

5431. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal tal-Kinder 1 li għalkemm għandhom ir-rapport tal-Istatementing, ma għandhomx LSE? Jista' jaqsam din l-informazzjoni ta' kemm hemm tfal bi Statementing ta' 1:1 LSE u ta' kemm hemm għal shared LSE?

16/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninsab infurmat li fis-sena skolastika 2025/2026, 7,327 student mid-disa' sal-ħdax-il sena tas-Sekondarja kienu qed jistudjaw mill-inqas lingwa barranija waħda, minbarra l-Malti u l-Ingliż. Numru sostanzjali minnhom jagħmlu wkoll l-eżami tal-MATSEC fil-lingwa magħżula, fil-Livelli 2 u 3.
Il-Ministeru jippromwovi t-tagħlim tal-lingwi barranin u l-iżvilupp tal-kompetenzi plurilingwi permezz ta' programmi u inizjattivi li jibdew fil-Primarja u jkomplu fis-Sekondarja. Tingħata wkoll gwida dwar l-għażla tas-suġġetti u l-opportunitajiet edukattivi u professjonali marbuta mal-lingwi.
Din il-ħidma tissaħħaħ permezz ta' kollaborazzjoni ma' diversi msieħba, inkluż il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin u entitajiet Ewropej, kif ukoll permezz tal-fiera 'I Choose'. Is-sessjonijiet offruti jgħinu lill-istudenti jagħmlu għażliet infurmati dwar l-istudji postsekondarji u l-karrieri tagħhom.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TFAL STATEMENTED MINGĦAJR LSE

5432. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm tfal tal-Kinder 1 li għalkemm għandhom ir-rapport tal-Istatementing, ma għandhomx LSE? Tista' taqsam din l-informazzjoni ta' kemm hemm tfal bi Statementing ta' 1:1 LSE u ta' kemm hemm għal shared LSE?

16/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TFAL STATEMENTED MINGĦAJR LSE

5433. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm tfal tal-Kinder 1 li għalkemm għandhom ir-rapport tal-Istatementing, ma għandhomx LSE? Jista' jaqsam din l-informazzjoni ta' kemm hemm tfal bi Statementing ta' 1:1 LSE u ta' kemm hemm għal shared LSE?

16/11/2026

ONOR. MICHAEL FALZON: Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – EAPPS – DOKUMENTI

5434. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid:
i. għaliex mhux id-dokumenti kollha ta' applikazzjoni qed jitpoġġew fuq is-sistema pubblika tal-Awtorità tal-Ippjanar (eApps), u liema dokumenti qed jitħallew barra; u
ii. fuq liema dispożizzjoni tal-liġi jew policy hija bbażata d-deċiżjoni li xi dokument ma jitpoġġiex fuq is-sistema, u min fl-Awtorità jieħu din id-deċiżjoni f'kull każ?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TA' XWIEKI, GĦARGĦUR – TRIQ GIOVANNI GAFÀ – SPAZJU MIFTUĦ

5435. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk il-Gvern huwiex is-sid tas-sit fi Triq Giovanni Gafà, Ta' Xwieki, fil-Għargħur, fejn Project Green qed twettaq xogħlijiet biex isir spazju miftuħ?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-art inkwistjoni fi Triq Giovanni Gafà, Ta' Xwieki, fil-Għargħur, tinsab taħt it-tmexxija ta' SportMalta, wara li ġiet trasferita lilha mill-Awtorità tal-Artijiet. L-ispazju miftuħ qed jiġi żviluppat permezz ta' kollaborazzjoni bejn Project Green u SportMalta, għall-benefiċċju tal-komunità.

Il-proġett kien oriġinarjament propost minn SportMalta bħala parti mill-iskema Community Greening Grant tal-2023, filwaqt li d-disinn tiegħu ġie sussegwentement żviluppat aktar minn Project Green u llum il-proġett jinsab fil-fażi ta' implimentazzjoni.
L-involviment ta' Project Green huwa limitat għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-proġett, mingħajr ebda tibdil fl-arranġamenti eżistenti dwar it-tmexxija tal-art.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TA' XWIEKI, GĦARGĦUR – TRIQ GIOVANNI GAFÀ – SPAZJU MIFTUĦ – BAŻI LEGALI

5436. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid fuq liema bażi legali Project Green qed twettaq ix-xogħlijiet għal spazju miftuħ fi Triq Giovanni Gafà, Ta' Xwieki, fil-Għargħur, u jekk huwiex permezz ta' esproprjazzjoni, xiri, kiri, konċessjoni jew xi ftehim ieħor, u meta sar dan il-ftehim?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 5435.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TA' XWIEKI, GĦARGĦUR – TRIQ GIOVANNI GAFÀ – SPAZJU MIFTUĦ – AKKWIST TAL-ART

5437. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid, fil-każ tas-sit fi Triq Giovanni Gafà, Ta' Xwieki, fil-Għargħur, jekk l-art ġietx akkwistata mill-Gvern jew minn Project Green, u kemm tħallas bħala prezz jew kumpens? Jekk l-art qed tinżamm b'kiri jew konċessjoni, tista' tgħid kemm hi l-kera jew il-korrispettiv u għal kemm żmien?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 5435.

Seduta Numru 46
25/11/2026

TA' XWIEKI, GĦARGĦUR – TRIQ GIOVANNI GAFÀ – SPAZJU MIFTUĦ – KUNSENS/FTEHIM

5438. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid jekk is-sid tas-sit fi Triq Giovanni Gafà, Ta' Xwieki, fil-Għargħur, tax kunsens bil-miktub biex Project Green twettaq ix-xogħlijiet fuq l-art tiegħu, u tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja ta' dak il-kunsens jew tal-ftehim?

16/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li tajtha għall-mistoqsija parlamentari 5435.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMĠARR – GĦELUQ TAL-POMPA TAL-PETROL EŻISTENTI FIL-PJAZZA

5474. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'garanziji konkreti għandha l-Awtorità tal-Ippjanar li l-pompa tal-petrol eżistenti fil-pjazza tal-Imġarr, Malta se tingħalaq, tiġi żarmata u s-sit jiġi riabilitat fiż-żmien stabbilit? Jista' jgħid ukoll x'miżuri ta' infurzar se jiġu attivati jekk l-applikant jonqos milli jwettaq dawn l-obbligi?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMĠARR – RILOKAZZJONI TA' POMPA TAL-PETROL – SOSPENSJONI TA' XOGĦLIJIET WAQT VERIFIKA TAL-OBBLIGI

5475. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-Awtorità tal-Ippjanar għandhiex il-bażi legali li tipprojbixxi jew tissospendi xogħlijiet ulterjuri fuq is-sit propost fiż-Żebbiegħ sakemm jiġu vverifikati l-validità tal-permess, il-konformità mal-kundizzjonijiet eżistenti u l-obbligi li jirriżultaw mill-att pubbliku tal-2018? Jekk iva, jista' jgħid jekk din il-miżura hijiex qed tiġi kkunsidrata?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

L-IMĠARR - PROTEZZJONI TAL-LOKALITÀ FIT-TUL

5476. L-ONOR. FRANCO MERCIECA staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri konkreti se jieħu l-Gvern sabiex jiżgura li d-deċiżjonijiet dwar ir-rilokazzjoni tal-pompa tal-petrol fl-Imġarr, Malta ma jwasslux għal aktar telf ta' art agrikola, żieda fil-pressjoni tat-traffiku jew deterjorament tal-kwalità tal-ħajja tar-residenti? Jista' wkoll jara li l-interess pubbliku u l-ħarsien tal-karattru rurali tal-Imġarr, jingħataw prijorità qabel kull deċiżjoni futura dwar it-tiġdid tal-permess?

16/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ĠEOLOGI – RIKONOXXIMENT TA' STATUS PROFESSJONALI

5493. L-ONOR. REBEKAH BORG staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 5110 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 28527 tat-28 ta' Mejju 2025 tal-14-il Leġislatura, fejn intqal li b'konsultazzjoni mal-Kamra tal-Ġeologisti kienet qed tiġi abbozzata liġi dwar ir-rikonoxximent tal-ġeologi bħala professjoni, jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju tinsab din il-liġi? Jista' jgħid ukoll meta hu antiċipat li l-abbozz jiġi ppreżentat fil-Parlament?

17/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ - LIĠIJIET IMRESSQA MATUL DIN IL-LEĠISLATURA

5538. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema liġijiet tressqu quddiem il-Parlament Malti matul din il-leġislatura li jaffettwaw il-persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll x'inhu t-titolu ta' kull waħda minn dawn il-liġijiet?

17/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-liġijiet mressqa matul din il-leġislatura u t-titli tagħhom huma disponibbli fis-sit tal-Parlament ta' Malta.
Infakkarha wkoll li fl-ewwel mitt jum ta' din il-leġislatura, il-Gvern għamel emendi fil-Kostituzzjoni ta' Malta. Permezz ta' dawn l-emendi, id-diżabilità ġiet inkluża bħala karatteristika protetta, u b'hekk il-Kostituzzjoni tipprovdi espressament protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni abbażi tad-diżabilità. Dawn l-emendi għall-artikoli 32, 45 u 47 ġew approvati mill-Kamra tad-Deputati fit-22 ta' Lulju 2026 u daħlu fis-seħħ fit-28 ta' Lulju 2026 permezz tal-Att Nru. XVI tal-2026.

Seduta Numru 46
25/11/2026

PERSUNI B'DIŻABILITÀ - LIĠIJIET IMRESSQA MATUL IL-LEĠISLATURA LI GĦADDIET

5539. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid liema liġijiet tressqu quddiem il-Parlament Malti matul il-leġislatura li għaddiet li jaffettwaw il-persuni b'diżabilità? Tista' tgħid ukoll x'inhu t-titolu ta' kull waħda minn dawn il-liġijiet?

17/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Nirreferi lill-Onor. Interpellant għas-sezzjonijiet "Abbozzi ta' Liġi" u "Atti tal-Parlament" tal-Erbatax-il Leġiżlatura (2022–2026) fis-sit elettroniku tal-Parlament ta' Malta, fejn huma disponibbli t-titoli tal-abbozzi ta' liġi li tressqu u tal-atti li ġew approvati matul il-leġislatura li għaddiet.

Seduta Numru 46
25/11/2026

DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - XOGĦLIJIET

5540. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid liema xogħol twettaq minn impjegati tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi fid-diversi lokalitajiet madwar Malta u Għawdex kemm fi spazji pubbliċi, kif ukoll fi proprjetajiet amministrati minn għaqdiet fl-istess lokalitajiet, matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

17/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li matul is-sena 2026 sal-jum ta' din it-tweġiba, impjegati tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi wettqu total ta' 247 intervent f'36 lokalità madwar Malta.
Dawn l-interventi kienu jinkludu tiswija ta' bankini, xogħol ta' patching u mili ta' ħofor fit-toroq, bini ta' ħitan u tqegħid ta' madum. Kienu jinkludu wkoll xogħol ta' kisi u żebgħa, xogħol ta' waterproofing, tiswija ta' dawl dekorattiv fit-toroq, xogħol fuq railings, installazzjoni ta' fence, u xogħlijiet oħra ta' tiswija u tisbiħ. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet li saru.

Seduta Numru 46
25/11/2026

FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - ĊAĦDA GĦALL-AĊĊESS GĦAT-TFAL - PERSUNI MIŻMUMA

5541. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma tawx aċċess għat-tfal?

17/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 46
25/11/2026

FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN - ĊAĦDA GĦALL-AĊĊESS GĦAT-TFAL - PERSUNI MIŻMUMA

5542. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' persuni detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma tawx aċċess għat-tfal?

17/11/2026

ONOR. GLENN BEDINGFIELD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent m'hawnx persuni detenuti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin minħabba li ma tawx aċċess għat-tfal.

Seduta Numru 46
25/11/2026

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - APPLIKAZZJONIJIET APPROVATI - FONDI

5567. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 1795, 3146, 3922 u 4928 u jgħid x'inhu l-ammont ta' fondi miġbura mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-applikazzjonijiet li ġew approvati fil-passat? Jista' jgħid ukoll kemm huma l-fondi għal kull lokalità f'Malta u f'Għawdex u kemm kienu f'Diċembru 2024 u f'Diċembru 2025? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex jinbidlu l-kriterji li fuqhom il-kunsilli lokali jistgħu jaċċessaw dawn il-fondi biex bihom ikunu jistgħu jwettqu bosta xogħlijiet li sal-lum mhux permess li jwettqu skont il-kriterji ta' użu ta' dawn il-fondi?

18/11/2026

ONOR. JONATHAN ATTARD: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

SKEMA BOOST U SKEMA GĦAT-TAGĦLIM TAL-MUŻIKA

5585. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA staqsiet lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid liema kienu l-għaqdiet mużikali u oħrajn li matul l-2026 ibbenefikaw mill-iskema BOOST u l-iskema għat-tagħlim tal-mużika? Jista' jgħid ukoll kemm ingħataw fondi lil kull waħda minn dawn l-għaqdiet u soċjetajiet u għal liema proġett jew servizz ingħataw f'kull każ?

18/11/2026

ONOR. OMAR FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-għadd ta' għaqdiet li bbenefikaw mill-iskema Tagħlim Mużikali fil-Każini tal-Banda fl-2026 ammonta għal 66. L-għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema kienet soġġetta għal massimu ta' €2,500 għal kull għaqda.
Fir-rigward tal-iskema Boost, fl-2026 l-għadd ta' għaqdiet li bbenefikaw minn din l-iskema ammonta għal 142. L-għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema kienet soġġetta għal massimu ta' €3,000 għal kull għaqda.
Qiegħed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dokument li jinkludi l-lista tal-għaqdiet li bbenefikaw miż-żewġ skemi msemmija.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - BINJA ĠDIDA - XOGĦLIJIET

5608. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-binja l-ġdida tal-Qorti tal-Familja u meta huwa antiċipat li jitlestew dawn ix-xogħlijiet?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-pjanti tal-binja l-ġdida tal-Qorti tal-Familja tlestew u se jiġu sottomessi għall-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar. Id-dokumenti tal-ispeċifikazzjonijiet għar-rinovar tal-binja huma lesti. Huwa maħsub li l-binja l-ġdida tal-Qorti tal-Familja tkun lesta f'Diċembru tal-2028.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - BINJA ĠDIDA - REATI RELATATI MA' AĊĊESS U MANTENIMENT - INDOLI PENALI

5609. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-kawżi ta' indoli penali li jikkonċernaw reati relatati ma' aċċess, manteniment u kwistjonijiet simili humiex ser jibdew jinstemgħu fil-binja l-ġdida tal-Qorti tal-Familja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi kif indikajt fid-diskors tiegħi, nhar l-Erbgħa 18 ta' Novembru fil-Parlament, dawn huma parti mit-tieni parti tar-riforma tal-Qorti tal-Familja.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-FAMILJA - BINJA ĠDIDA - SPIŻA

5610. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ser tiswa l-binja l-ġdida tal-Qorti tal-Familja u kemm minn din l-ispiża tikkonċerna x-xiri tal-binja?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninsab infurmat li l-informazzjoni ser tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-KUMMERĊ - COURT ATTORNEYS

5611. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Court Attorneys addetti mal-Qorti tal-Kummerċ?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm żewġ Imħallfin assenjati fil-Qorti tal-Kummerċ u magħhom hemm addetti żewġ (2) court attorneys. Iż-Żewġ Imħallfin għandhom addett magħhom court Attorney kull wieħed.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-KUMMERĊ - ASSISTENTI ĠUDIZZJARJI

5612. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm Assistenti Ġudizzjarji addetti mal-Qorti tal-Kummerċ?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm żewġ Imħallfin assenjati fil-Qorti tal-Kummerċ u magħhom hemm addetti żewġ (2) assistenti ġudizzjarji. Iż-żewġ Imħallfin għandhom addett magħhom judicial assistant kull wieħed.

Seduta Numru 46
25/11/2026

QORTI TAL-KUMMERĊ - MARIXXALLI

5613. L-ONOR. JOE GIGLIO staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru kemm hemm Marixxalli li jaħdmu fi ħdan il-Qorti tal-Kummerċ?

19/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant illi hemm *pool* ta' marixxalli li jagħmlu x-xogħol relatat maċ-ċivil u *pool* ta' marixxalli li jagħmlu xogħol relatat mal-kriminal. Ix-xogħol lil marixxalli jiġi assenjat mill-marixxall anzjan skont il-ħtieġa u prioritajiet. Dawn il-marixxalli jagħmlu xogħol ta' notifiki u eżekuzzjoni ta' atti u mandati. Barra minn hekk kull Imħallef għandu addett miegħu *court Messenger* li jassisti fis-seduti u fix-xogħol fis-sigrieta tal-ġudikant.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – IMPJEGATI

5725. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tagħha, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom tispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. JULIA FARRUGIA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, din hija skont il-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX – IMPJEGATI

5726. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. CLINT CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għal Għawdex, din hija skont il-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT – IMPJEGATI

5727. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. BYRON CAMILLERI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA, L-AMBJENT U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – IMPJEGATI

5728. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tagħha, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll tipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom tispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward il-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦALL-FINANZI – IMPJEGATI

5729. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Finanzi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. CLYDE CARUANA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Finanzi, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – IMPJEGATI

5730. L-ONOR. GRAHAM BENCINI staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru totali ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru tiegħu, inkluż fid-dipartimenti, entitajiet, aġenziji u awtoritajiet kollha li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu, fis-snin 2013, 2022 u fil-ġurnata li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija parlamentari? Jista' wkoll jipprovdi tqassim separat għal kull sena msemmija, li jindika n-numru ta' impjegati li kienu jaħdmu fil-Ministeru, fid-dipartimenti, fl-entitajiet, fl-aġenziji u fl-awtoritajiet rispettivi, filwaqt li għal kull waħda minnhom jispeċifika kemm kien hemm impjegati fuq bażi full-time u kemm fuq bażi part-time?

20/11/2026

ONOR. CLIFTON GRIMA: Ninforma lill-Onor. Interpellant li għar-rigward tal-kompożizzjoni tas-Segretarjat tal-Ministeru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, din hija skont l-manwal li diġà tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Fir-rigward tal-ħaddiema li jaħdmu fuq bażi nazzjonali fis-settur pubbliku, nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 5719.

Seduta Numru 46
25/11/2026

BIRŻEBBUĠA - XATT TA' SAN ĠORĠ, TRIQ S. CACHIA ZAMMIT, TRIQ L-GĦANSAR U TRIQ F.M. FERRETTI - CABLES TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU

5747. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għax-xogħlijiet li qed isiru fl-inħawi tax-Xatt ta' San Ġorġ, Triq S. Cachia Zammit, Triq l-Għansar u Triq F.M. Ferretti, f'Birżebbuġa, tista' l-Ministru tgħid kif il-cables tad-distribuzzjoni tal-elettriku ser jiġu mgħoddija minn taħt il-bankini u fejn ser jiġu mgħoddija?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li min-naħa tal-Enemalta diġà kien installat cable ta' 33kV fix-Xatt ta' San Ġorġ u parti żgħira minn Triq S. Cachia Zammit biex tkompli ssaħħaħ is-sistema tal-vultaġġ medju f'din il-lokalità, liema xogħlijiet tlestew fis-sajf tal-2025.

Seduta Numru 46
25/11/2026

BIRŻEBBUĠA - PROĠETT TAL-PROMENADE - XOGĦLIJIET

5748. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għall-proġett tal-promenade ta' Birżebbuġa biex dan jiġi riġenerat kif imħabbar mill-Prim Ministru fit-22 ta' Jannar, 2025, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-project plan li juri liema huma x-xogħlijiet li saru, qed isiru jew ser isiru, min huwa responsabbli u għal liema xogħlijiet u tagħti t-timeline ta' dawn ix-xogħlijiet?

20/11/2026

ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-proġett tar-riġenerazzjoni tal-promenade ta' Birżebbuġa, qed jitwettaq f'numru ta' fażijiet u qed jiġi amministrat mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi.
Ix-xogħlijiet tal-ewwel fażi jinsabu fi stadju avvanzat u mistennija jitlestew sa Marzu 2027.
Il-fażijiet sussegwenti jinkludu r-riġenerazzjoni tal-Bajja ta' San Ġorġ, tal-promenade u ta' St George's Park, fost interventi oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IMPJANTI TAL-KONKOS - LLMA MTELLA'

5749. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-konkos mill-2022 sal-2025, maqsuma sena b'sena u b'liema rata, medja għal kull sena, dan inxtara?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

IMPJANTI TAL-IBBOTTILJAR TAL-ILMA U XORB IEĦOR - ILMA MTELLA'

5750. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm ittella' ilma mill-ilma tal-pjan mill-impjanti tal-ibbottiljar tal-ilma u xorb ieħor mill-2022 sal-2025, maqsuma sena b'sena u b'liema rata, medja għal kull sena, dan inxtara?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 46
25/11/2026

ĦAL FAR - IMPJANT LI JIPPROĊESSA L-BY-PRODUCTS TAL-ĦUT - ILMENTI DWAR IRWEJJAĦ

5751. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi kemm kien hemm ilmenti dwar irwejjaħ relatati mal-impjant f'Ħal Far li jipproċessa l-by-products tal-ħut mill-2022 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma żona b'żona u xahar b'xahar?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninsab infurmata li kull darba li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) tirċievi lment, dan jiġi verifikat mill-uffiċjali tagħha u meta jkun hemm konferma ta' riħa assoċjata mal-impjant tal-ħut, issir verifika mal-operaturi tal-impjant fuq l-operat. Fil-fatt, mill-bidu tal-operat, l-ERA segwiet il-każ mal-operaturi wara kull ilment li kien konfermat. Saħansitra kien hemm żewġ okkażjonijiet, fl-2023 u fl-2024, fejn l-ERA imponiet multi. Wara li reġa' kien hemm diversi lmenti konfermati f'Ottubru li għadda, l-ERA eskalat l-azzjoni u ħarġet Ordni ta' Waqfien u Konformità fuq l-impjant sakemm issir analiżi minn inġinier indipendenti biex ikun assigurat li l-makkinarju intenzjonat biex jimmitiga l-irwejjaħ huwa suffiċjenti u qed jopera kif suppost. L-impjant qed jitħaddem taħt superviżjoni sakemm l-inġiniera u l-operaturi jidentifikaw x'qed iwassal għal dawn l-episodji u jkun stabbilit x'miżuri korrettivi huma meħtieġa.
Qed inpoġġi tabella fuq il-Mejda tal-Kamra bl-informazzjoni mitluba dwar l-ilmenti li saru lill-ERA.

Seduta Numru 46
25/11/2026

KUNSILLI LOKALI U/JEW REĠJUNI - BOROŻ TAL-ISKART IMĦALLAT

5752. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid liema kienu l-kunsilli lokali u/jew ir-reġjuni li kellhom jew għandhom il-permess li jdaħħlu l-borża tal-iskart imħallat (il-borża s-sewda) aktar minn darbtejn fil-ġimgħa mill-2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

20/11/2026

ONOR. MIRIAM DALLI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-ġabra ta' skart imħallat hija regolata mir-Regolamenti dwar l-Abbandun, ir-Rimi u t-Tneħħija ta' Skart fit-Toroq u f'Postijiet jew Żoni Pubbliċi (L.S. 549.40) li tistipula l-ġranet u l-frekwenza tal-iskart madwar il-gżejjer Maltin. Din l-iskeda hija applikabbli għal kullimkien.

Seduta Numru 46
25/11/2026

VERIFIKI INDIPENDENTI TAS-SIGURTÀ ĊIBERNETIKA

5754. L-ONOR. BEPPE GALEA staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid meta saret l-aħħar verifika indipendenti tas-sigurtà ċibernetika tas-sistemi li tuża l-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, biex timmaniġġja l-konnessjoni bejn Malta u Għawdex?

20/11/2026

ONOR. SILVIO SCHEMBRI: Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kumpanija ma tagħmilx użu minn l-ebda element ċibernetiku fl-immaniġġjar ta' din il-konnessjoni.

Seduta Numru 46
25/11/2026